# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Jannar 2018**

Rikors Guramentat Nru.  144 / 16RGM

Kawza fil-lista:  10

**A B C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija zzewget lill-konvenut fit-12 ta' Marzu 2008, skont ic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi min dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi l-konvenut irrenda ruhhu hati versu l-attrici ta' vjolenza, abbandun, adulterju, sevizzi, eccesi u ingurji gravi;

4. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment tort unikament tal-konvenut;

5. Illi minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju anke' tramite l-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslu ghal ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni, u l-esponenti inaghtat l-awtorizazzjoni sabiex tipprocedi b'din l-istanza skont d-digriet;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti hawn esposti;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

3. Tapplika kontra l-konvenut, l-effetti tad-disposizzjonjiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53, u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in toto jew in parte.

4. Takkorda l-fakulta lill-esponenti sabiex tabita fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenut.

5. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas u jikkonsenja lill-esponenti skont il-kaz, il-krediti u l-proprjeta` parafernali taghha.

6. Takkorda l-fakulta lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' ‘C’.

7. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbiku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-esponenti kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta’ Ottubru 2016 li maghha annettiet l-affidavit taghha;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2017 fejn il-Qorti kkonstatat li l-konvenut kien kontumaci u l-partijiet qablu li ma kellhomx ulied, li assi tal-

komunjoni ma hemmx u li l-kontijiet bankarji f'isem l-attrici ghandhom jigu assenjati lilha u dawk f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati lilu;

Rat ix-xhieda ta' Karen Cremona u ta' Derek Camilleri li xehedu fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**IL-PROVI.**

**L-attrici A B C**, fl-affidavit taghha mahluf fit-13 ta' Ottubru 2016,[1] iddikjarat li ghandha sitta u hamsin sena u tahdem bhala infermiera mad-Dipartiment tal-Kura Primarja. Hi ghandha zewgt itfal adulti mill-ewwel zwieg u wara li romlot izzewget lill-konvenut D, pero' ma kellhomx tfal. Hi ddecidiet li tipprocedi biex tissepara minnu billi kien ilha snin shah issofri l-abbuzi tieghu. Hi hafritlu diversi drabi izda hu qatt ma nbidel, anzi mar ghall-aghar. Dwar hafna minn dawn l-incidenti hi kienet ghamlet rapport mal-Pulizija izda kien hemm okkazzjonijiet li ma ghamlitx rapport dwarhom minhabba t-theddied tieghu. Tghid li damet zmien twil tittollera fis-skiet hafna tbatija qabel ma bdiet tirraporta l-vjolenza u tfittex l-ghajnuna.

Xhedet illi l-konvenut hu ta' nazzjonalita' Tunezina, li ghandu karattru abbusiv, difficli u manipulattiv hafna. Hu bniedem kapriccuz u ghandu diversi vizzji fosthom x-xorb u t-tipjip u l-loghob tal-azzard, lottu u 'casino'. Ma ghandu l-ebda sens ta' htija u dejjem isib gustifikazzjoni u jitfa l-htija tieghu fuqha.

Xhedet illi kienu johorgu flimkien fil-bars pero' kien ihalliha zmien twil wahedha u kien imur band'ohra. Iddikjarat illi giet abbuzzata minnu fizikament, emozzjonalment, psikologikament u anke finanzjarjament. Qatt ma kien jaghtiha flus, kienet thallas kollox hi. Kien jaghmel id-djun, kien jitlef x-xoghol b'negligenza tieghu u kien jipprettendi minnha €20 jew €30 kull jum biex johrog. Kien johrog kull fil-ghaxija u jirritorna tard bil-lejl jew fil-ghodu kmieni.

Il-partijiet kienu zzewgu fit-Tunisija fit-12 ta' Marzu 2008, u wara l-attrici giet Malta u rregistrat iz-zwieg. Wara xaherejn marret lura t-Tunesija u rritornaw Malta flimkien fis-26 ta' Mejju 2008. It-tifel ta' ohtha sablu xoghol ma' kumpanija ta' kostruzzjoni fejn dam jahdem xi sitt xhur. Kien jirrikorri ghand l-attrici meta kellu bzonn xi haga bhal permess ta' residenza u cittadinanza. Halsitlu

[1] Fol 15 et seq.

l-lezzjonijiet tal-karozza, gab il-licenzja insista maghha li juza l-karozza taghha li ghamillha hafna hsara bis-sewqn traskurat u negligenti tieghu. L-attrici spiccat twasslu ghax-xoghol u twassal lil shabu fil-postijiet ta' divertiment.

L-attrici irrakkontat diversi episodji fil-hajja matrimonjali tal-partijiet fejn il-konvenut kiser b'mod mill-aktar gravi l-obbligi tieghu bhala ragel mizzewweg. Fost l-aktar episodji gravi hemm is-segwenti.

Xehdet illi fit-18 ta' Lulju 2008 kien gheluq zmienha, marru Ghawdex mal-familja ta' ohtha u missierha u hu ried imur id-diskoteka wahdu ma' huha li hu separat. Huha insista li l-attrici tmur maghhom u hi spiccat biex marret maghhom izda il-konvenut beda jiskartaha u jinjoraha. Minn dakinhar l-atteggjament tieghu fil-konfront tal-attrici beda jmur ghall-aghar. Hu kien beda johrog wahdu jmur fil-bars u l-kazini u jispicca fis-sakra. Tmur ghalih biex twasslu d-dar u kien ikun vjolenti maghha.

Ma kienx ihalliha tohrog biex ma tarahx jixrob u meta kienet tohrog kien kemm il-darba refa' idejh fuqha u anke kissrilha l-mobile phone.

Fl-24 ta' Dicembru 2008 marru jieklu il-Waterline Hotel tas-Sliema, hu siker u meta kienu sejrin lura fil-karozza, neza il-flokk u pogga fit-tieqa jhabbat fuq is-saqaf tal-karozza u wara pogga fuq il-bonnet tal-karozza u kellha ssuq bih fuq il-bonnet l-ahhar bicca tat-triq.

Fl-24 ta' Lulju 2009 kienu Ghawdex, krew kamra fil-Calypso Hotel, fetah il-"Mini Bar" u xorob kull ma ra quddiemu. Kisser flixkun vojt tal-inbid u beda jeddidha li joqtolha. L-ghadha wissieha biex ma tghid lil hadd b'dak li gara.

Fil-15 ta' Jannar 2010 hadha f'mghodija fix-xifer tal-blat li twassal wara t-Torri ta' San Lucjan. Hareg sikkina, bedda jeddidha u jaghmel is-sikkina ma' ghonqa u gielha tinza hwejjigha. Qalilha li ried jqattaha bicciet u jarmiha l-bahar. Hi twerwret, u bdiet titolbu bil-hniena sabiex ma jweggaghhiex. Fil-pront inzerta ghadda luzzu fil-vicin u peress li setghu jarawhom qalilha sabiex terga' tilbes hwejjigha u telqu minn fuq il-post.

F'Hadd il-Karnival tas-sena 2010 kellhom johorgu wara nofs in-nhar izda hu hareg minn filghodu u ghamel gurnata jixrob. Meta fil-ghaxija marret ghalih fil-Kazin tal-Banda, faccata tal-Knisja ta' Birzebbuga, beda jkellimha hazin u wadbilha l-mobile phone u laqatha fuq imniehirha. Hi weggghet u stordiet u kellhom jghinuha xi nies.

Fit-18 ta' Lulju 2010 wara li damet tistennih aktar minn saghtejn, harget tistennih fil-karozza u meta raha dahhal rasu mit-tieqa u battal flixkun tal-birra fuq wiccha.

Mifxula harget mill-karozza, lwiet sieqha u waqghet taht il-bankina. Meta marret id-dar ratu rrabbjat hafna, faqa' l-bieb tal-kamra tal-banju b'daqqa ta' ponn, ghezzes is-sink u kisser il-madum tal-hajt.

Fis-6 ta' Awwissu 2010 kien sawwatha waqt li kien qed jixrob f'hanut fil-Qajjenza. Qabditu f'gidba ghax qalilha li kien Bugibba u beda jghatiha bil-harta kif gie gie, qasmilha xuftejha, kissrilha n-nuccali, xejrilha daqtejn ta' sieq taht zaqqha u spiccat b'hafna tbengil u ticrita fit-tambur ta' widintha l-leminija.

F'Ottubru 2010 il-partijiet marru vizita ghand il-familja tal-konvenut fit-Tunesija,l-attrici kellha tissellef il-flus ghax hu nefaq kollox. Ippretenda li jbiegh il-Laptop taghha biex jaghti l-flus lill-familja tieghu. Billi hi rrifjutat wadbilha l-mobile, laqatha fuq il-qasba ta' sieqha.

Fis-sena 2011 l-attrici u binha Patrick kienu 'vittmi ta' vjolenza da parti tal-konvenut. Il-konvenut kien fil-Country Style Café fi Pretty Bay, talabha xi flus u qaltlu li ma kellhiex. Beda jishetha, tefa l-birra f'wiccha u bezqilha. Telqet d-dar, mar warajha u taha daqqa' ta' ponn fuq mniehirha u faragha. Wara beda jinsulta lit-tifel Patrick u waddablu vazun tal-hgieg. Cemplet lill-Pulizija li marru fuq il-post u haduh maghhom. L-ghada hadet x-ray ta' mniehierha. Ittiehdu proceduri kriminali kontrih izda finalment hafrulu u gie liberat.

Fit-18 ta' Settembru 2011 il-konvenut insulenta koppja L.G.B.T. u ghax l-attrici irrimprveratu tefalha loqma ta' sigarett li giet fuq ghonqha u sidirha u spiccat sofriet hruq. Dwar dan il-kaz ghamlet rapport erbat ijiem wara meta marret tirraporta incident iehor ta' vjolenza domestika.

Tghid li kellha iccedi ghat-theddied tieghu u tbiegh d-deheb. Bil-flus mar ihallas id-dejn tieghu.

F'Lulju 2013 il-konvenut gie impjegat bhala xufier mal-Arriva izda wara diversi ammonizzjonijiet mill-kumpanija spicca biex tkecca fl-20 ta' Awwissu 2015.

Fl-14 ta' Gunju 2014 l-attrici marret mal-konvenut l-ufficju tac-cittadinanza sabiex il-konvenut japplika ghac-cittadinanza.

Fit-23 ta' Lulju 2015 l-konvenut irritorna d-dar tard bil-lejl xurban u rrabbja meta sab li l-attrici kienet ghadha fil-kcina, taha daqqa ta' ponn fuq mniehirha u daqqa ta' sieq fuq gembha tal-lemin. Hadet x-ray u sabu li kellha kustilja miksura u hafna tbengil. Ghamlet rapport l-Ghassa u damet tlett gimghat fis-sodda.

Fil-15 ta' Awwissu 2015 kellhom incident iehor fejn taha daqqiet ta' sieq f'daharha u heddidha li ma tmurx d-dar hajja mix-xoghol. Marret taghmel rapport.

Hu beda jhedded lill-Pulizija ukoll, spicca arrestat, l-ghada l-attrici haditlu l-hwejjeg l-Ghassa u ghamel erba gimghat ghand siehbu il-Mellieha. L-attrici hafritlu izda mill-ewwel iddispjaciha ghax wara xahar rega' tilef l-impieg minhabba l-vizzju tax-xorb.

Fil-21 ta' April 2016 kellhom il-medjazzjoni u l-konvenut irrifjuta li jiffirma l-kuntratt jekk ma jinghatax ic-cittadinanza Maltija.

Il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali fis-26 ta' Mejju 2016.

L-attrici finalment iddikjarat li ma ghandhom l-ebda assi flimkien, li d-dar matrimonjali hi mikrija minghad terzi, u ma ghandhomx kontijiet bankarji flimkien. L-attrici ghandha loan mal-bank originarjament fl-ammont ta'€5,500 li qed thallas hi wahedha u ma tafx jekk il-konvenut ghandux dejn.

**Karen Cremona, Executive fi Transport Malta**, Direttorat tal-Licenzji, xehdet quddiem il-Qorti fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017.[2] Hi giet mitluba tixhed jekk il-konvenut ghandux licenzji f'ismu u jekk hemmx xi proceduri pendenti kontrih. Hi ddikjarat li ghandu driving licence Maltija valida sat-22 ta' Frar 2023 u ppresentat dokument Licence Status Enqiry li gie markat Dok TM1.

**Derek Camilleri, ghad-Direttur tal-Expatriates** xehed fl-istess seduta.[3] Hu ddikjara li l-konvenut ghandu Residence Card u mhux Identity Card Numru 51734A, ghandu "exempt status" billi mizzewweg mara Maltija, li ghadha valida. Il-permess ta' residenza jiskadi fis-sena fis-sena 2018. Is-Sur Camilleri xehed illi ghandhom dikjarazzjoni mill-mara tieghu biex twaqqaflu l-Freedom of Movement. Din titnehha mic-Cittadinanza, mentri r-revoka tar-Resdence Card issir mill-Expatriates. Ittiehdet decizjoni fil-kaz tieghu pero' hu ma giex infurmat billi ma ghandhomx l-indirizz tieghu. It-talba kienet saret mill-attrici b'ittra tas-26 ta' Awissu 2014, ittra li giet annessa u markata Dok IM4. Hu ddikjara li c-Cittadinanza hu Dipartiment iehor ta' Identity Malta, u li l-Pulizija u c-Cittadinanza jahdmu flimkien f'dawn il-kazijiet.

L-attrici ingungiet ir-Rappresentant tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jixhed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2017, izda dan ma deherx u fis-seduta sussegwenti tal-4 ta' Ottubru 2017 irrinunzjat ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu fit-12 ta' Marzu 2008 fit-Tunisia u ma kellhomx tfal. Mic-certifikat taz-zwieg anness mar-rikors guramentat, jirrizulta li hemm differenza

[2] Fol 42.
[3] Fol 44.

konsiderevoli fl-eta' tal-partijiet. L-attrici twieldet fit-18 ta' Lulju 1960 u l-konvenut twieled fit-22 ta' Frar 1981, differenza ta' izjed minn ghoxrin (20) sena. L-attrici pprezentat affidavit estensiv u dettaljat dwar il-konvivenza difficili ta' sofferenza kontinwa mal-konvenut. Hi tiddeskrivi lill-konvenut bhala bniedem egoist u irresponsabbli, ivvizzjat bix-xorb u tipjip ezagerat, u bil-vizzju tal-loghob tal-azzard u kien kontinwament vjolenti u abbuziv maghha. Bla ezitazzjoni l-Qorti qed tiddikjara illi l-agir vjolenti u abbuziv tal-konvenut versu l-attrici irrenda l-konvivenza tal-partijiet impossibbli u intollerabbli.

L-attrici, fl-affidavit taghha, telenka lista prattikament interminabbli ta' incidenti ta' vjolenza, theddied, u ingurji gravi li soffriet mill-konvenut li fil-maggjor parti taghhom, kull wiehed kien ta' tali gravita' li jiggustifika talba ghall-separazzjoni personali. Ghamlet snin shah tbaghti fis-silenzju billi kienet tibza mit-theddied tieghu, meta ghamlet il-kuragg u bdiet tirrapporta l-incidenti ta' vjolenza kienet invarjabbilment tispicca biex tahfirlu, anke minhabba t-theddied tieghu, izda l-konvenut minflok irriforma ruhhu, zied l-atteggjament vjolenti tieghu fil-konfront tal-attrici.

Jrrizulta li l-attrici tahdem full time bhala infermiera, mentri l-konvenut kien jahdem saltwarjament, billi kien spiss ifalli x-xoghol minhabba l-vizzju tax-xorb, u jispicca jitkecca. Kien qed jghix minn fuq l-attrici, jonfoq kull sold li jkollu fix-xorb u l-loghob, u meta ma jkollhux flus jesigihom minghand l-attrici, li tirrakonta diversi incidenti ta' vjolenza propju ghalhekk.

L-attrici ssemmi kwantita' impressjonanti ta' incidenti kollha serjissimi, li ampjament jiggustifikaw t-talba taghha ghas-separazzjoni personali.

**GURISPRUDENZA.**

Issir referenza ghas-sentenza "**Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2016 ntqal:

"In tema legali jinghad illi "l-ingurji gravi ma gewx specifikatament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem mholli fis-sagazja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvaluthom" (**Marthese Vella pro et noe vs George Vella** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003). Issir referenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius**" deciza fl-10 ta' Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:- "Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi. Huma sevizzi dawk l-atti abitwali li joffendu il-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu

huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti".

Fil-kaz in ezami rrizulta li z-zwieg tal-partijiet kien karratterizzat minn atti ripetuti u kontinwi ta' vjolenza da parti tal-konvenut fuq l-attrici, u mgieba hazina persistenti tal-istess konvenut li rrenda l-konvivenza tal-partijiet impossibbli ma hemmx dubbju li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

L-attrici tallega ukoll li l-konvenut ikkommetta adulterju. Fil-kawza fl-ismijiet "**Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964 ntqal:

"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi,precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika. Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali".

L-attrici ssemmi xi okkazzjonijiet meta rat lill-konvenut jixrob ma' zewg nisa' Inglizi u tfajla ohra Marrokkina taht l-eta', pero' dawn c-cirkostanzi ma humiex sufficjenti biex jnisslu fil-giudikant il-konvinzjoni li kien hemm adulterju. L-allegazzjoni tal-adulterju, ghalhekk ma gietx sufficjentement ippruvata.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.**

Mill-atti ma jirrizultax li hemm assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Tenut kont illi z-zwieg tal-partijiet tkisser unikament tort tal-konvenut, il-Qorti qed tiddeciedi illi it-titolu ta' lokazzjoni tal-fond matrimonjali ghandu jigi assenjat lill-attrici.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut minhabba vjolenza, sevizzi, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu divizi. Kull parti ghandha tigi assenjata il-kontijiet bankarji li huma

f'isimha filwaqt li d-dejn f'isem l-attrici ghandha taghmel tajjeb ghalih hi u d-dejn f'isem il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalih hu;

3. Tilqa' t-tielet talba tal-attrici u tordna li ghandhom japplikaw 'in toto' kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' r-raba' talba tal-attrici u tassenja esklussivament lill-attrici t-titolu ta' lokatizju fuq id-dar matrimonjali. Ghaldaqstant tordna illi l-attrici ghandha dritt li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

5. Tichad il-hames talba tal-attrici billi ma rrizultax li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu krediti u propjeta' parafernali tal-attrici;

6. Tilqa' s-sitt talba tal-attrici u tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha 'C';

7. Tilqa' s-seba' talba tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**